MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Numru 973/2002

**Artikoli 252, 254, 255, 378**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin J. Farrugia**

**V**

**PIETRO FENECH**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PIETRO FENECH** ta' tmienja w sittin sena bin Emanuel u Ethelburga nee Vella, imwieled B'Kara u joqghod 'Id-Dwejra', Triq Agnese Schembri, B'Kara, detentur tal-karta tal-identita numru 101034M gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar t-tmintax ta' Gunju 2002, f'dawn il-Gzejjer, bil-hsieb li jtellef jew jnaqqas il-gieh ta'

Victor Decelis, wegghu bi kliem, b'gesti, b'kitba b'disinji jew b'xi mod iehor.

Rat li l-Prosekuzzjoni infurmat l-Qorti fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin ta’ Novembru, 2002 illi l-ingurja in kwistjoni saret permezz ta’ ittra mibghuta lill-imputat lil Victor Decelis bhala segretarju tal-Malta China Friendship Society.

Illi l-Prosekuzzjoni esebit ittra iffirmata mill-imputat mibghuta nhar is-sebgha u ghoxrin ta’ Novembru, 2002 lil Dottor Ian Farrugia bhala l-avukat konsulent tal-Malta China Friendship Society fejn huwa skuza ruhu tal-akkadut fil-konfront ta’ Victor Decelis.

Illi seduta stante cioe` fit-tmienja u ghoxrin ta’ Mejju, 2003 Deher Dottor Ian Farrugia an nom ta’ Victor Decelis li nforma l-Qorti illi Victor Decelis accetta l-iskuza tal-imputat u ddikjara li l-istess Decelis m’ghandux interess fl-esitu ta’ dawn il-proceduri u b’hekk irtira l-kwerela tieghu.

L-imputat Pietro Fenech skuza ruhu ai termini tal-artikolu 378 quddiem il-Qorti bil-miftuh.

**Il-Qorti rat l-artikolu tal-ligi partikolarment l-artikolu 252, 254, 255, 378 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u stante r-rinunzja da parti tal-persuna offiza l-Qorti tiddikjara procediment esawrit u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dawn l-atti.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------